*Ħidmet l-Artist għall-Glorja t'Alla*

# Tislima lill-Iskultur Renzo Gauci

**Andrew Borg**
B.Ed. (Hons.), M.Ed., D.E.A.M

Konna qegħdin fuq ix-xwiek. Il-ħin kien qed jagħfas sewwa. Daħlitilna telefonata mingħand l-Isqof ta' Għawdex, Mons. Mario Grech. Qalilna li kienu qabdu l-vapur lejn Malta. Ħarisna lejn xulxin. Konna fil-garaxx ta' Niki Papagiorcopulo nsegwu b'attenzjoni l-ħidma delikata tal-mibki Renzo Gauci li kien qiegħed iqiegħed l-iskultura li kien ħadem huwa stess fuq l-altar-mejda li kellu jiżżanżan fi ftit sigħat u jitbierek mill-Eċċellenza Tiegħu li minn Għawdex kien diġà qabad triqtu lejn Malta. *"Illestuh, tinkwetawx!"* qalilna bil-kalma u l-ġentilezza kollha tiegħu, Renzo, li kien induna kemm konna inkwetati. Kien għad fadlilna nġorru dan l-altar lejn il-knisja ta' Lapsi, narmawh għaċ-ċerimonja ta' dik il-lejla, immorru d-dar ninħaslu u nbiddlu, u niġu lura fil-ħin biex nilqgħu lill-Isqof t'Għawdex.



*Renzo u martu Anna waqt ix-xogħol fuq l-altar-mejda għall-knisja parrokkjali l-antika (Ta' Lapsi).*

Renzo Gauci kien raġel tal-kelma. Lesta fil-ħin u konna sodisfattissimi bir-riżultat. Xtaqnieh jibqa' magħna, hu u s-Sinjura tiegħu, Anna, li dejjem tagħtu daqqa t'id f'ħidmietu, u li dakinhar kienet akkumpanjatu wkoll. Imma ma kienx hemm ħin biżżejjed biex jinżlu Ħal Tarxien, jinħaslu u jbiddlu u jiġu lura għall-inawgurazzjoni ta' dan l-altar-mejda. Imma Renzo ma kienx inkwetat b'dil-biċċa. Huwa kien kuntent. Kien kuntent għax kien ikkuntentana u għamlilna din il-biċċa xogħol ferm għal qalbna. Iżda aktar minn hekk kien kuntent għax wettaq biċċa xogħol għall-glorja ta' Alla. Huwa qatt ma fittex il-glorja tiegħu bħala artist, imma dejjem ħadem biex isebbaħ u jagħti ġieħ u qima lil Alla b'ħidmietu. Mhux ta' b'xejn kulħadd kien iħobbu u jirrispettah.

Inħsadna meta ftit ġranet biss wara l-festa tal-2018 waslitilna l-aħbar tal-mewt tiegħu, li seħħet wara perjodu diffiċli ta' kumbattiment kontinwu ma' marda qalila li huwa affaċċja b'determinazzjoni Nisranija u b'rassenjazzjoni qaddisa. Ftit tax-xhur qabel konna żorna l-isptar Mater Dei. Niftakar dakinhar kif dħalna, – jien u Niki – qalilna b'leħen kiebi, *"Ma għandix saħħa nkellimkom, skużawni."* Għednielu, *"Ma jimpurtax, aħna ġejna biex noqogħdu ftit ħdejk."* Iżda wara ftit beda jgħid kelma jew tnejn. Imbagħad qalli, *"Ġibli dak*

*il-file minn fuq il-ħoġor tat-tieqa."* Newwilthulu u wriena xi disinji li kien għamel sakemm kien l-isptar. *"Għax jien, kif tiġini ftit saħħa, ma noqgħodx inħares, ta."* Ftit ftit, nesa t-toqol tal-marda li kienet qed tisraqlu saħħtu, u beda jurina disinn wara l-ieħor. Uriena fotokopji ta' ritratti tal-koppla kollha ta' Ħal Tarxien li hu laborjożament kien qed jimmarka bil-mod il-mod biex jiggwida lil min kien qed jirrestawraha – xogħol li sfortunatament ma kellux ix-xorti jarah mitmum.

Insomma, kelma ġġib 'il-oħra, u għaddejna siegħa nitkellmu fuq xogħlu, fuq l-arti, fuq l-għan nobbli u sublimi ta' ħidmet l-artist. F'dik is-siegħa kien qisu reġa' ħa saħħtu lura. Ħriġna minn ħdejh mimlijin kuraġġ. Qabel ħriġna tana disinn ċkejken oriġinali li kien għadu kif għamel, iffirmahulna u niżżel id-data. Kellha tkun l-aħħar tifkira għażiża tiegħu, illum miżmuma b'għożża fl-Arkivju tal-knisja l-antika ta' San Ġiljan Ospitalier. F'din l-istess knisja, minbarra l-altar-mejda, li tkellimna dwaru fl-introduzzjoni, li kien inawgurat fl-2011, tiegħu għandna wkoll il-gwarniċ ta' tliet sottokwadri, iddisinjati u skulturati minnu stess. Dawn fihom il-pitturi tal-Kav. Adonai Camilleri Cauchi u juru lill-qaddis Malti San Ġorġ Preca, lill-Papa qaddis li żar il-parroċċa ta' San Ġiljan, San Ġwanni Pawlu II u lill-qaddisa devota Santa Tereża. Renzo laħaq għamlilna wkoll id-disinn għan-niċeċ tal-istatwi tal-Madonna ta' Lourdes u tal-Qalb ta' Ġesù. Dan, bil-permess ġentili tas-Sinjura Gauci, ser ikun ingrandit u maħdum minn artist ieħor sabiex jibqa' b'tifkira oħra għażiża ta' Renzo Gauci, li sa mill-ewwel darba li ltqajna miegħu ħa grazzja magħna anke jekk ħidmitna ma kinitx f'xi bażilka jew santwarju magħruf, iżda fil-knisja ċkejkna ta' Lapsi ġewwa San Ġiljan. Kif qalilna hu stess, hu għaraf li x-xogħol li tagħmel l-Għaqda tagħna tagħmlu bil-qalb u tagħmlu għall-glorja t'Alla, u allura hu kien kuntent li jaħdem għalina.

**Artist sa minn tfulitu**

Renzo Gauci twieled fid-29 ta' Marzu 1959, erbat ijiem wara l-festa tat-Tħabbira tal-Mulej. Huwa tgħammed fil-knisja ddedikata lill-Marija Annunzjata fir-raħal ta' Ħal Tarxien, raħal li għandu storja li tmur lura saż-żminijiet Neolitiċi. Wieħed jista' jgħid li l-arti kienet tiġri fil-vini ta' ġismu, għax missieru, Vincent Gauci, kien disinjatur tal-bastimenti, u kif jaf kull min xi darba ltaqa' ma' Renzo, huwa kien jemmen bis-sħiħ li artist tajjeb jeħtieġ ikun disinjatur tajjeb: irid ikun bniedem li għandu s-sens tal-qies, tal-perspettiva, u tal-preċiżjoni. Min-naħa l-oħra, ommu Carmen Saliba, kienet tiġi minn skultur mill-Birgu, allura nifhmu li Renzo xorob minn din l-għajn ukoll.

Meta tkellimna mas-Sinjura Gauci, hija qaltilna li l-kunjati kienu jirrakkuntawlha kif Renzo bħala tifel kien minn dejjem miġbud lejn l-iskultura: kont tarah b'xi biċċa ġebla f'idejh jiskolpi fiha. Kmieni fi tfulitu skopra li l-iskultura ma tinvolvix il-kostruzzjoni ta' xi ħaġa imma l-iskoperta ta' xi ħaġa li diġà tkun tinsab maqfula f'dik il-biċċa ġebla, jew irħama, jew injama. Din il-ħaġa baqa' jemmen fiha meta kiber. Il-logħob tiegħu mbagħad kien relatat mal-festi u l-knejjes. Kien saħansitra ddisinja kampnar għall-kmajra ċkejkna li kienet allura sservi ta' knisja, fejn huwa kien jilgħab ma' sħabu. Is-Sinjura Gauci qaltilna li kien jilgħab ħafna ma' ta' Buhagiar, fosthom mar-Rev. Albert Buhagiar, eks arċipriet tas-Siġġiewi u tal-Mosta u llum rettur tas-Seminarju. Dan, fil-fatt, għamel l-omelija fil-funeral ta' Renzo.



Kien kreattiv immens. Kien ikollu s-suldati żgħar tal-logħob u b'xi mod kien iħollilhom idejhom u jtihom xeħta ta' statwi. L-istess kien jagħmel lill-pasturi tat-tafal: dejjem idewweb u jirranġa kif ifassal f'moħħu. Il-ħinijiet twal li qatta' f'dan it-tip ta' logħob kreattiv, – imnalla li dak iż-żmien ma kienx hemm mobiles u tablets – lil Renzo servieh biex jimmatura fl-arti. Tant hu hekk li meta Anna (eventwalment il-mara tiegħu) iltaqgħet miegħu ta' sittax-il sena, huwa kien diġà jaħdem ta' skultur ma' kumpanija li tagħmel l-għamara. Fil-fatt, tul il-karriera lavorattiva tiegħu ħadem ma' tliet kumpaniji differenti sakemm fl-1992 kien rama għal rasu billi x-xogħol ta' wara l-ħin tant kien żdiedlu li ma bediex ilaħħaq.

**Hajtu u l-arti jsiru ħaġa waħda**

Flimkien mas-Sinjura Gauci tkellimna dwar il-ħidma kbira tiegħu fil-qasam tal-Arti Sagra f'Malta u Għawdex. Hawnhekk mhux il-lok li nagħtu listi sħaħ tal-ħidmiet kollha li wettaq kemm f'dak li hu disinn, f'dik li hija skultura kif ukoll f'dak li hu restawr. Iżda tkellimna magħha b'mod ġenerali fejn dorna xi ħidmiet ewlenin li huwa għamel. Fost l-ewwel ħidmiet kbar tiegħu nsibu l-anġlu Gabriel li jintrama għall-festa tal-Lunzjata ġewwa Ħal Tarxien u Santa Marija, statwa oħra li tintrama barra, din id-darba għall-festa ta' Santa Marija fil-Gudja.

Ġewwa Ħal Tarxien, Renzo ħadem kemm għall-festa titulari kif ukoll għal dik tal-Madonna tad-Duttrina. Fil-fatt, għal din tal-aħħar huwa kien iddisinja u żejjen in-niċċa u għamel ukoll il-bankun tal-forċini. Għal din l-istess parroċċa, minn dawn il-bankuni tal-

fratellanzi, għamel tnejn oħra. Għall-fratellanza tad-Duttrina ħadem sett važuni biex jintramaw fuq l-altar. Imbagħad għall-festa titulari ddisinja u skolpixxa l-gastri filwaqt li ssuperviżjona l-ħidma fuq il-fjuretti tal-ganutell għall-istess gastri. Fil-knisja tal-parroċċa għażiża tiegħu nsibu wkoll kwadru ta' San Ġorġ Preca li huwa pitter, u skolpixxa l-gwarniċ tiegħu. Ma nistgħux ma nsemmux ir-restawr tal-koppla minn ġewwa, tal-knisja ta' Ħal Tarxien, li Renzo għamel għal darba darbtejn: l-ewwel darba madwar tletin sena ilu u mill-ġdid is-sena l-oħra, fiż-żmien li kien marid meta kien jissuperviżjona x-xogħol minn fuq soddtu d-dar jew l-isptar. Fuq barra jispikkaw, fuq naħa, il-faċċata tal-każin tal-Għaqda Soċjali Madonna tad-Duttrina u fuq oħra l-pjanċier maestuż li tuża l-Banda Marija Annunzjata u li jintrama fil-pjazza ewlenija tar-raħal.



Iżda ħidmitu nfirxet lil hinn minn Ħal Tarxien ukoll. Il-Vendriżi jiftaħru li l-istatwi li jintramaw fit-toroq ewlenin tal-parroċċa tagħhom huma kollha ta' Renzo Gauci; dawn jinkludu sett anġli għal Strada Rjali. Xogħlijiet oħra tiegħu nsibuhom f'Ħal Luqa, il-Fgura, Ħaż-Żabbar, il-Birgu, ir-Rabat, iż-Żurrieq, il-Qrendi, l-Imqabba, Ħaż-Żebbuġ, Ħal Qormi, is-Siġġiewi, San Pawl il-Baħar u f'Ħal Kirkop fejn fil-każin tal-Banda San Ġużepp insibu ġmiel ta' arkivju ddisinjat u skulturat minnu.

Ta' min isemmi hawnhekk ukoll li kien irrestawra l-vara titulari ta' Marija Addolorata f'San Pawl il-Baħar. Jekk immorru Għawdex, imbagħad, ġewwa r-raħal żgħir tal-Għasri nsibu erba' statwi tiegħu: Kristu Mejjet, Il-Ħniena Divina, ir-Redentur bilwieqfa u San Pawl. Xogħol ieħor tiegħu nsibuh ix-Xagħra u fiż-żewġ parroċċi tal-Belt Victoria f'Għawdex. F'San Ġorġ għandhom il-pedestall tal-qaddis fuq iż-żiemel li jittella' f'nofs il-pjazza tal-bażilika; filwaqt li fil-katidral ta' Santa Marija nsibu ġmiel ta' sopraporta tal-fidda li

minnha nfisha toffri illużjoni ottika għaliex filwaqt li hija maħduma fiċ-ċatt tidher li qed tidħol u toħroġ mad-disinn innifsu. Din biċċa xogħol għal qalbu ħafna kienet. Lura għal ta' San Ġorġ, iddisinja l-pjanċier maestuż u skolpieh ukoll.

Żewġ kapolavuri riċenti tiegħu huma xogħol sabiħ fl-injam. Dawn huma żewġ bankuni bil-bradelli tagħhom b'kollox: wieħed għall-istatwa titulari tal-Assunta meqjuma f'Ħal Għaxaq, u l-ieħor għall-istatwa proċessjonali tal-fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes fil-Qrendi. Dawn ix-xogħlijiet jixhdu l-kobor tas-sengħa u l-arti li bihom kien imżejjen Renzo, interpretati bl-akbar reqqa, preċiżjoni, delikatezza u raffinatezza liema bħalhom. U la qed insemmu l-vari titulari u proċessjonali ma nistgħux inħallu barra l-pedestall ta' San Sebastjan Martri għall-parroċċa arċipretali ta' Ħal Qormi, pedestall li jaqbel fl-istil mal-istatwa nnifisha. Int u dieħel fil-knisja tal-Assunta fl-Imġarr jolqotlok l-għajn il-lampier maestuż tal-fidda li wkoll kien iddisinjat u skulturat minn Renzo Gauci.

Is-Sinjura tiegħu, li hija midħla sew tax-xogħol tiegħu, qaltilna li hu kien iħobb jaħdem mal-istess nies li jinduna li jifhmu l-istil u l-mod kif jaħdem hu. Pereżempju, għall-fidda kellu lis-Sur Vanni Bartolo, għall-bronż lis-Sur Joe Chetcuti filwaqt li għall-induratura kien iħobb jaħdem mas-Sur John Orlando, li fil-fatt induralna s-sottokwadri fil-knisja ta' Lapsi, imsemmija iktar 'il fuq. Min-naħa tagħha, is-Sinjura Anna kienet tgħinu billi tixkatla, timla l-kartapesta u tħallat u tagħti ż-żebgħa: dejjem taħt superviżjoni stretta u eżatta minn żewġha. L-aħħar biċċa xogħol li ħadmet fuqha, fil-fatt, kienet l-anġlu ta' Darmanin, li jittella' fi tmiem il-marċ tal-Ġimgħa għall-festa tal-Lunzjata f'Ħal Tarxien. Dan kien laħaq irrestawrah Renzo nnifsu bejn pawża u oħra fil-marda qerrieda tiegħu, iżda mbagħad għaż-żebgħa kellha tidħol għaliha hi bl-għajnuna ta' Toni Borg, li bħal dejjem imxew fuq l-istruzzjonijiet preċiżi li kien jagħtihom Renzo meta kienu jmorru jżuruh l-isptar.

**Il-wirt ta' Renzo Gauci**

Kif qaltilna s-Sinjura Gauci stess, Renzo kien metikoluż għall-aħħar f'xogħlu. Ma kienx hemm biċċa xogħol li ma kienx jagħtiha inqas importanza mill-oħrajn. Għalih l-arti hi arti: trid tkun kemm jista' jkun perfetta. Fil-fatt, sakemm opra kienet tkun għandu, huwa kien jibqa' jirranġa fiha sal-aħħar. Kien jgħidilha, *"Fl-arti, qatt m'int lest!"* Għaldaqstant, kien perfezzjonist. Kien jemmen li l-arti hija t-tentattiv tal-bniedem biex jesprimi l-perfezzjoni tal-ħolqien ta' Alla.

Mela, kull biċċa xogħol ta' arti trid taspira għall-perfezzjoni. L-iskultura ma tinbeniex biċċa biċċa kif tinbena dar, kantun wara kantun. L-iskultura hija xi ħaġa li qiegħda hemm u l-artist irid joħroġha fil-perfezzjoni tagħha. Kemm jirnexxilek jiddependi kemm tkun moħħok hemm, kemm ikollok qalbek fix-xogħol li qed tagħmel, kemm tkun preċiż u fitt f'ħidmitek, kemm ikollok ġo fik l-ispirtu u l-ħeġġa li taħdem għall-glorja ta' Alla u mhux għal vanaglorja personali tiegħek. Renzo Gauci għalhekk kien artist li rnexxa għax ta ħajtu għall-arti, imma ma ħlihiex biex juri x'jaf u kemm hu bravu, iżda użaha biex juri kemm l-Imħabba ta' Alla hi kbira, kemm il-Ħniena tiegħu hi bla tarf! Dan huwa l-wirt li ħallielna Renzo Gauci.

*Ħajr lis-Sinjura Anna Gauci tal-paċenzja li dejjem ħadet bina.*